MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 892/2011

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Kevin Zammit (ID 557474M)**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Ottubru 2011, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'erba mija u tmienja u tlettin ewro, u sebgha u sebghin centezmu (€438.77) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50943143 mogthija mis-socejta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kella ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tal-11 ta' Jannar 2012 fejn deher il-kovenut Kevin Zammit li ddikjara li ma xtaqx jkun assistit minn avukat u fejn it-Tribunal sema' x-xhieda tieghu fejn

b'gurament iddikjara illi kien qed jammetti t-talbiet kontrih pero talab illi jkun jista' jhallas permezz ta' rati mensili.
Ra li dakinhar it-talba thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Frar 2012.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba'mija, tmienja u tlettin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€438.77) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

It-Tribunal, in vista tat-talba tal-konvenut ghal-fakolta li jhallas l-ammont dovut ratejalment, qed jissugerixxi lis-socjeta' attrici li tippermetti lill-konvenut li jhallas l-ammont dovut f'pagamenti mensili ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar sakemm jinqata' l-ammont totali dovut. It-Tribunal pero' qed jaghmilha cara li dan hu biss suggeriment u li sta ghall-istess Socjeta' attrici tiddeciedi jekk taccettax jew le li l-konvenut ihallas permezz ta' pagamenti mensili.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------